

# IL-KUMITAT KULLEGGJATA SAN PAWL RABAT, MALTA,

## Twelidu u Hidmietu

**Kitba ferm fil-qosor mis-Sur Peter Paul Vassallo, Segretarju tal-Kumitat fuq imsemmi.**

Niftakar kien sabni s-Sur Frangisku Giordmania, fi Triq iz-Zuntier tal-Knisja, u qalli dawn il-precizi kelmiet:— "Peter, ghax ma nghatux skoss il-kwistjoni tal-Grotta?" Jiena ghidtlu kwistjoni harxa u l-missieri dejjem nisimghu jghid li l-Gvern qatt ma ried jitlaqa' minn taht idejh." Hu kompla jghidli:— Iz-zmienijiet jinbidlu; issa hemm Gvern tal-Labour u forsi dan jahsibha mod iehor. Jien ghidtlu:— "Cikk, ma nghamlu xejn ghax il-Gvern jinsab mghobbi b'hafna affarijiet li ghal Malta huma ferm izjed importanti minn dak li qed nghidu ahna."

Imma s-Sur Frangisku Giordmania qisu dahhalni f'morsa, rabatni u ghafasni fiha u minn dak il-hin ma stajtx nohrog minnha. Niftakar qalli wkoll:— "Ghal dan il-kas jew tkun segretarju int jew hadt ghax inkella ma naslux zgur." Fejn it-tarag tal-kennirja jien ghidtlu iva.

Wara dan, bi preparazjoni ghal dak li kien gej, jiena u s-Sur Frangisku Giordmania kelna diversi tahdidiet semi-ufficcjali ma persuni distinti tal-Gvern. Kienu diskussjonijiet interessanti, juru rieda tajba, imma fi kwadru ta' "a reply with no answer". Jiena kull darba niftakar x'kien qalli missieri!

Fl-14 ta' Ottubru, 1956 jiena u s-Sur Frangisku Giordmania kellna udjenza ma l-Arcisqof, Sir Michael Gonzi fil-Palazz tieghu l-Imdina u ghidnielu bix-xewqa taghna, li se nghamlu kumitat ghal dan il-ghan u ghal President tal-Kumitat se navvicinaw l-Imhallef Montanaro Gauci.

Meta l-Arcisqof semmejnielu l-Imhallef ha gost ferm u qalilna:— "Morru u ahdmu biex l-iskop isehh, jiena nahdem mghakom".

Jien u s-Sur Frangisku Giordmania avvicinajna lis-Sur Pawlu Tonna, ghidnielu bl-iskop taghna u tlabnieh biex jaccetta l-kariga ta' Tezorier tal-Kumitat, li accetta bil-qalb u mexxa l-kariga sa l-ahhar.

Niftakar ukoll li ahna t-tlieta konna iltqajna fil-kwiet kollu fil-kamra tas-Surmast li hemm fil-Kazin San Pawl Banda Konti Ruggieru u komplejna nitkelmu fuq il-formazzjoni tal-kumitat u d-decidejna li navvicinaw lill-Avukat Carmelo Vassallo, is-Sur Lolo' Cefai u s-Sur Henry P. Fenech. Dawn ukoll accettaw bil-qalb u komplew sa l-ahhar minbarra s-Sur Henry P. Fenech li wara zmien telaq mill-Kumitat.

Biex navvicinaw lill-Onorevoli Sinjurija Tieghu, l-Imhallef A. J. Montenaro Gauci, Alla l-Imbierek bghatilna membru regulari tal-Knisja (li anke dan kien taghni registru biex fieh inzomm il-Minuti tas-Seduti) li mar ikellem lill-Imhallef u qallu li jien ghandi mmur ghandu biex inkellmu fuq il-kas u li ghandi nitolbu biex jekk joghgbu jaccetta li jkun il-President tal-Kumitat Kulleggjata San Pawl, Rabat, Malta.

L-Imhallef, ta' Rabti li hu, laqgha lili u l-kariga bi hgaru, u bl-ebda mod ta ftahir lejn is-Sinjurija Tieghu, imma xieraq li nghid li f'dan il-bniedem sibt gherf kbir u li hu se jwassal il-bastiment fil-port.

Ahna mill-ewwel ftehmna li l-kas hemm bzonn li mmexxuh fi skiet perfett u l-ewwel seduta tal-kumitat ghamilnieha fil-Hotel Point De Vue, Rabat fid-9 ta' Jannar 1957. Il-bidu ta' din il-laqgha kont ippresidejta u tajt hjiel ta' x'konna ghamilna sa dik il-gurnata u x'konna nafu wkoll minn ghand l-antenati taghna. Imma l-Imhallef kien jaf ferm u ferm izjed.

Wara dan ressaqt il-formazzjoni tal-Kumitat lill-laqgha u gie deciz li l-Kumitat ikun itturmat hekk til-waqt li l-Membri kollha kienu prezenti:— President: l-Onorevoli Sinjurija Tieghu Imhallef A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., GR. OFF. MER., O.ST.J., LL.D.; Vici President: Dr. Carmelo Vassallo LL.D., Segretarju: is-Sur Peter Paul Vassallo, Tezorier: is-Sur Pawlu Tonna, Membri: is-Sinjuri Frangisku Giordmainna, Lolo' Cefai u Henry Pawl Fenech, li kif jghid izjed il-quddiem wara xi zmien telaq mill-Kumitat.

Mela dik kienet l-ewwel laqgha formali tal-Kumitat Kulleggjata San Pawl, Rabat, Malta.

L-Imhallef ghamel diskors fit-tul fuq il-Grotta tal-Appostlu Missierna San Pawl u l-Parrocca Taghna sahansitra mar lura sas-sena 1610 meta z-zewg knejjes kienu ghadhom knisja wahda imma mbaghad gew mifruda minn xulxin bi Brevi tal-Papa Pawlu V fl-istess sena.

Biex inkompli nghati xi taghrif, inzid nghid li l-iskop ta' dan il-kumitat kien li jahdem biex il-Venerabbli Grotta ta' San Pawl meqjuma fir-Rabat ta' Malta tigi amalgamata mal-Proto Parrocca ta' San Pawl tar-Rabat ta' Malta kif kienet sas-sena 1610 u biex il-quddiem il-Proto Parrocca tkun tista' tigi elevata mill-Awtorita' Ekklezjastika kompetenti ghad-Dinjita' ta' Kulleggjata, u biex il-Proto Parrocca tkun servuta ahjar.

Imma ghal dan l-iskop, kien hemm bzonn li l-Gvern Civili jcedi lill-Awtorita' Ekklezjastika d-Dritt tan-Nomina tal-Qassisin Kolleggjali maghrufa bhala Kanonici talGrotta ta' San Pawl, u l-Knisja ta' fuqha u jghati kumpens minflok il-proprjeta' li ha taht idejh. Hawn ta' min jghid li meta z-zewg knejjes gew mifruda -Grotta u l-Knisja ta' fuqha bil-beni u d-drittijiet kollha taghhom ghaddew taht l-Amministrazzjoni tal-Kavallieri ta'l-Ordni ta' San Gwann li allura kien il-Gvern

ta' dak iz-zmien u konsegwentement dawn baqghu jghaddu minn Gvern ghal iehor.

Il-Kumitat permezz ta' zewg ittri gharraf lill-Gvern Civili u lill-Awtorita' Ekklezjastika bil-formazzjoni tieghu, baghat memorandum lilhom u wara baghat iddelegazzjonijiet tieghu biex jispjega aktar fid-dettal il-kas tieghu.

Mid-9 ta' Jannar, 1957, il-Kumitat ma waqaf xejn mill-hidma tieghu, tant hu hekk li fis-17 ta' April, 1961 lahaq l-ewwel rizultat tieghu permezz ta' kuntratt li sar bejn l-Awtorita' Civili u l-Awtorita' Ekklezjastika li fieh sar it-trasferiment tal-Grotta ta' San Pawl bill-Kullegg u d-dar tar-Rettur li jghamlu maghha kif ukoll il-Knisja ta' San Pawl Nawfragu li hemm f'San Pawl-il-Bahar minn ghand l-Awtorita' Civili ghal ghand l-Awtorita' Ekklezjastika. Barra minn dan fl-istess kuntratt l-Awtorita' Civili cediet id-Dritt tan-Nomina tal-Qassisin Kolleggjali tal-Venerabbli Grotta ta' San Pawl u minnflok il-proprjeta' mmobbli ta' l-imsemmija Grotta, l-Awtorita' Civili thallas bill-quddiem is-somma ta' elf lira (sterlina) kull sena kif ukoll xi pisijiet ohrajn li jlahhqu madwar xi mija u sebghin lira kull sena.

Ghandi l-unur nghid li flimkien mal-President, l-Onorevoli Sinjurija Tieghu, l-Imhallef A. J. Montanara Gauci jien kont prezenti ghal qari u l-iffirmar ta' dan il-kuntratt wisq storiku ghalina r-Rabtin.

Il-Kumita ma waqafx hawn imma baqa' jinteressa ruhu u in konsegwenza tar-rizultat ta' dik il-hidma mal-Gvern Civili, l-Arcisqof Sir Michael Gonzi irnexxielu jgib Brevi minn ghand il-Papa Giovanni XXIII li permezz taghha fl-24 ta' Novembru, 1962, saret l-Amalgamazzjoni taz-zewg knejjes u l-Elevazzjoni tal-Proto Parrocca ghall Kulleggjata Regulari bil-Kanonici u Dinjitarji.

Qabel dan kollu kienu saru bosta tentattivi u trattattivi biex isir arrangament halli l-Awtorita' Ekklezjastika tiehu taht idejha minn ghand il-Gvern Civili l-Grotta ta' San Pawl u n-Nomina tal-Qassisin Kolleggjali Taghha, izda ma waslu mkien; waqfu ghal kollox u mietu tant li l-pratika giet arkivjata.

Irrid insemmi li l-Kumitat beda jahdem fl-1957 u fis-snin tal-hidma tieghu Malta ghaddiet minn krizi kbira politika mal-Gvern Ingliz u gara li l-Gvern Malti ddimetta u Malta sabet ruhha taht il-hakma Kolonjali. Il-Kumitat ma qatax qalbu meta sar jaf b'dan u li allura l-affarijiet se jiehdu aktar fit-tul ghalhekk stenna l-mument li fieh seta' jerga' jibda trattattivi mill-gdid mas-Segretarjat tal-Gvern Kolonjali li ghal dawn xi drabi anke kellna nistennew "dispatches" min Londra.

Kien il-Gvernatur il-General Laycock li ta widen u wara simpatija ghal proposti tal-Kumitat u kien il-Gvernatur Ammirall Grantham li accetta l-proposti u kkonkluda l-ftehim tal-koncessjonijiet li saru u li kienu accettabli ghal Awtorita' Ekklezjastika.

L-unur li kisbet il-Proto Parrocca ta' Malta kien kollu dovut ghal inizjattiva u hidma ta' dan il-kumitat kapitanat mill-wisq mahbub taghna l-Onorevoli Sinjurija Tieghu Imhallef A.J. Montanaro Gauci (li wassal il-bastiment sal-port fost ibhra qawwija li ltqajna maghhom) li bl-inizjattiva u proposti verament prattici li ghamel lill-Gvern Civili u lill-Awtorta' Ekklezjastika b'mod li wasslu ghal dawk il-koncessjonijiet li l-Awtorita' Ekklezjastiaa irnexxiela takwista.

Dan it-taghrif fil-qosor qieghed nghidu mhux biex niftahar bil-Kumitat li tieghu jien kelli l-unur kbir li mmexxi s-segretarjat tieghu, imma biex jizdied ma l -Istorja Glorjuza li l-Proto Parrocca Taghna ghandha sa minn zmien il-Migja fostna l-Maltin talAppostlu Missierna San Pawl li meta kien hawn Malta ghogbu jghix maghna r-Rabtin.

**P. P. Vassallo**

**8 ta' Mejju, 1979.**